

Brussell, 20 ta' April 2018
(OR. en)

7729/18

PUBLIC 10
INF 37

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - JANNAR 2018

Dan id-dokument jelenka l-atti¹ adottati mill-Kunsill f'Jannar 2018.²³

Huwa jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti legiſlattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli, ir-riżultati tal-votazzjoni u, jekk ikun il-każ, spjegazzjonijiet tal-vot u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

¹ Għal referenza faċli, “it-titoli qosra” kif imsemmija fl-aġendi tal-Kunsill huma indikati wkoll (ara fil-*korsiv*).

² Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, appuntamenti, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti minn ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

³ Fil-każ ta' atti legiſlattivi adottati fil-proċedura legiſlattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att legiſlattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti legiſlattivi adottati bil-proċedura legiſlattiva ordinarja jitqiesu li ġew adottati biss wara l-firma kemm mill-President tal-Kunsill u mill-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jagħmilhom pubbliċi.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill:

[Sommarji ta' kull xahar tal-Atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#)

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kunsill: [Minuti tal-Kunsill - Consilium](#)

INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'JANNAR 2018

Proċedura bil-miktub lesta fit-8 ta' Jannar 2018

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/16 tat-8 ta' Jannar 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 4, 9.1.2018, p. 16-19	16025/17
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/12 tat-8 ta' Jannar 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 4, 9.1.2018, p. 1-4	16027/17

Proċedura bil-miktub lesta fl-10 ta' Jannar 2018

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/2018/PESK tal-10 ta' Jannar 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni 2012/285/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tar-Repubblika tal-Guinea-Bissau ĠU L 6, 11.1.2018, p. 48-49	5009/18
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2018/2012 tal-10 ta' Jannar 2018 li jimplimenta l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 377/2012 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi li jheddu l-paċi, is-sigurtà jew l-istabbiltà tar-Repubblika tal-Guinea-Bissau ĠU L 6, 11.1.2018, p. 1-2	5011/18

Proċedura bil-miktub klesta fit-12 ta' Jannar 2018	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/58 tat-12 ta' Jannar 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 10, 13.1.2018, p. 15-16	5124/18
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/53 tat-12 ta' Jannar 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 10, 13.1.2018, p. 1-2	5125/18
It-3591 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN) li saret fi Brussell fit-22 ta' Jannar 2018	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Approċċ Integrat għal Konflitti u Kriżijiet Esterni	5413/18
<i>Promozzjoni ta' Kontrolli Effettivi fuq l-Esportazzjoni tal-Armi - Deċiżjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/101 tat-22 ta' Jannar 2018 dwar il-promozzjoni ta' kontrolli effettivi fuq l-esportazzjoni tal-armi ĠU L 17, 23.1.2018, p. 40-47	14383/17
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna u l-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/156 tat-22 ta' Jannar 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, rigward is-supplementar tal-Anness I-A għall-Kapitolu 1 tat-Titolu IV ta' dak il-Ftehim, u fi ħdan il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ, rigward l-ikkalkolar mill-ġdid tal-iskeda tat-tneħħija tad-dazji fuq l-esportazzjonijiet stabbiliti fl-Annessi I-C u I-D għall-Kapitolu 1 tat-Titolu IV ta' dak il-Ftehim ĠU L 29, 1.2.2018, p. 13-34	15244/17

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-Żimbabwe	5169/18
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iraq	5285/18
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/90 tat-22 ta' Jannar 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela ĠU L 161, 22.1.2018, p. 14-16	16032/17
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/88 tat-22 ta' Jannar 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela ĠU L 161, 22.1.2018, p. 6-8	16034/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/89 tat-22 ta' Jannar 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2010/2016/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 161, 22.1.2018, p. 9-13	5006/18
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/87 tat-22 ta' Jannar 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 161, 22.1.2018, p. 1-5	5007/18
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-parteciċipazzjoni tal-Iżvizzera fl-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea</i> Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Konfederazzjoni Żvizzera biex jiġi emendat il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport tal-Merkanzija u tal-Passiġġieri bil-Ferrovija u bit-Triq biex il-Konfederazzjoni Żvizzera tkun tista' tiegħu sehem fl-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji	15695/17
<i>Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Marokk</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/146 tat-22 ta' Jannar 2018 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra ĠU L 26, 31.1.2018, p. 4-5	15653/16

It-3592 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET EKONOMIĊI U FINANZJARJI) li saret fi Brussell fit-23 ta' Jannar 2018	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<i>Tneħħija ta' ċerti ġurisdizzjonijiet mil-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa</i> Lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa ĠU C 29, 26.1.2018, p. 2-2	5086/18
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE rigward l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt bejn l-UE u l-Ażerbajġan dwar il-faċilitazzjoni tal-Viża (VFA)</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/201 tat-23 ta' Jannar 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt dwar il-Faċilitazzjoni tal-Viżi stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ażerbajġan dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu ĠU L 38, 10.2.2018, p. 13-18	15721/17
<i>Kollegament tal-ETS mal-Iżvizzera dwar il-konklużjoni ta' Ftehim</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/219 ta' Jannar 2018 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom ĠU L 43, 16.2.2018, p. 1-2	13076/17
<i>Direttiva dwar il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu (li timplimenta Ftehim tas-Sħab Soċjali)</i> Direttiva tal-Kunsill (UE) 2018/131 tat-23 ta' Jannar 2018 ta' li timplimenta l-Ftehim konkluż mill-Assoċjazzjonijiet tas-Sidien tal-Bastimenti tal-Komunità Ewropea (ECSA) u l-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) biex tiġi emendata d-Direttiva 2009/13/KE skont l-emendi tal-2014 tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006, kif approvati mill-Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol fil-11 ta' Ġunju 2014 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 22, 26.1.2018, p. 28-33	15647/17

<i>Regolament dwar l-Impriża Konġunta f'Industriji b'Bażi Bijoloġika</i> Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/121 tat-23 ta' Jannar 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 560/2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 22, 26.1.2018, p. 1-2	15757/17
Dikjarazzjoni mill-Kroazja, il-Greċja, il-Portugall, is-Slovenja u Spanja Il-proposta tal-Kummissjoni tistipula bidliet sostanzjali. Madankollu, la twettqet valutazzjoni tal-impatt, u lanqas konsultazzjoni pubblika fir-rigward tal-proposta. Għaldaqstant, ma hemm ebda evidenza li l-bidliet proposti ser jintlaqgħu tajjeb mill-partijiet ikkonċernati kollha, b'mod partikolari, minn dawk li mhumiex membri fil-Konsorzju tal-Industriji b'bażi Bijoloġika (BIC). Mingħajr il-kontribuzzjoni fi flus tal-industrija fil-livell tal-programm, il-valur miżjud ta' din l-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta (JTI) huwa notevolment imnaqqas. Huwa ferm probabbli li sett ta' sejħiet miftuħa fl-isfida soċjetali 2 ta' Orizzont 2020 jkun jipprovdi aktar valur miżjud tal-UE għal kull euro minfuq, billi s-sejħiet miftuħa huma l-aqwa mod kif jiġi implimentat il-prinċipju tal-eċċellenza, u jistgħu jisfruttaw il-potenzjal kollu disponibbli fl-Ewropa (u mhux biss fil-membri tal-BCI). Abbażi tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq kollha, nistennu li din il-proposta ma toħloqx preċedent għal talbiet unilaterali futuri ta' bidliet fir-regolamenti ta' JTIs oħra, lanqas għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji industrijali f'JTIs futuri.	
<i>Deċiżjoni dwar il-pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat Konġunt UE-CH</i> Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt UE-Żvizzera dwar reviżjoni teknika tal-Ftehim dwar l-assigurazzjoni diretta għajr l-assigurazzjoni tal-ħajja	15069/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2018	5545/17
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2018	5542/18

Proċedura bil-miktub lesta fit-23 ta' Jannar 2018	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 tat-23 ta' Jannar 2018 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/127 ĠU L 27, 31.1.2018, p. 1-168	15858/17

Dikjarazzjoni Konġunta dwar it-tisħiħ tal-irkupru tas-sallura Ewropea (Il-Kummissjoni u l-Istati Membri)

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri

Filwaqt li jirrikonoxxu li l-istokk tas-sallura Ewropea jinsab f'kundizzjoni kritika, kif ikkonfermat mill-ġdid mill-parir l-aktar reċenti tal-ICES tas-7 ta' Novembru 2017;

Filwaqt li jieħdu nota tal-elenkar tas-sallura Ewropea fl-Appendiċi II tas-CITES u fl-Appendiċi II tas-CMS;

Filwaqt li jirrikonoxxu li tinħtieġ azzjoni urġenti biex jiġi żgurat l-irkupru tal-istokk madwar il-firxa naturali tiegħu u li miżuri li jnaqqsu ulterjorment il-mortalità tas-sallura kkawżata minn influwenzi umani matul l-istadji kollha ta' ħajjet is-sallura jenħtieġ li jkunu fis-seħħ sa mill-2018;

Filwaqt li jqisu li ntlaħaq qbil dwar l-ġheluq temporanju tas-sajd ta' sallura Ewropea ta' tul globali ta' 12-il cm jew itwal fl-Ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni tal-ICES inkluż fil-Baħar Baltiku fil-kuntest tar-Regolament għall-opportunitajiet tas-Sajd għall-2018 u li trid tiġi mmonitorjata l-interazzjoni potenzjali mal-pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali għas-sallura Ewropea;

Filwaqt li jinnotaw il-ħtieġa ta' ħidma ma' pajjiżi terzi inkluż permezz tal-Kummissjoni Konġunta għas-Sajd fil-Baħar Baltiku biex jiġi żgurat approċċ komprensiv u kkordinat għall-irkupru tal-istokk fost il-partijiet ikkonċernati kollha;

Filwaqt li jilqgħu d-deċiżjoni tal-GFCM li jiġi żviluppat u implimentat pjan ta' ġestjoni għas-sallura Ewropea fil-Mediterran flimkien mal-Istati mhux tal-UE u filwaqt li jissottolinjaw li l-UE impenjat ruħha li tressaq proposta għal dak l-għan fis-Sessjoni Annwali tal-GFCM tal-2018;

Filwaqt li jifhmu li l-irkupru tal-istokk jeħtieġ miżuri fil-habitats naturali kollha tas-sallura fl-UE u waqt l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tas-sallura mill-istadju tal-ferħ ta' sallura għal dak tas-sallura tal-fidda;

Filwaqt li jappoġġaw li l-Kummissjoni ser tniedi evalwazzjoni esterna tar-Regolament dwar is-Sallur fil-bidu tal-2018 biex tivvaluta l-effettività tiegħu u l-kontribut tiegħu għall-irkupru tal-istokk tas-sallura Ewropea, bil-ħsieb ta' revizzjoni possibbli tiegħu, u ser tippreżenta r-riżultati tal-evalwazzjoni u l-konklużjonijiet tagħha lill-Kunsill fl-ewwel kwart tal-2019;

Filwaqt li jinnotaw li l-Kummissjoni ser tippreżenta r-rapporti ta' progress tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ġestjoni nazzjonali tagħhom għas-sallura, li għandhom jitlestew sat-30 ta' Ġunju 2018, għal rieżami estern biex jiġu verifikati l-preċiżjoni u l-adegwatezza tad-data pprovduta u l-metodi użati biex jiġu kkalkolati u biex b'hekk jkunu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni;

Jaqblu li jsaħħu l-protezzjoni tal-istokk tas-Sallura Ewropea

Għal dan il-għan:

1. L-Istati Membri ser jimplimentaw bis-sħiħ il-pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali tagħhom għas-sallura u jsaħħuhom kif xieraq billi jnaqqsu aktar il-fatturi antropoġeniċi ta' mortalità fl-stadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tas-sallura b'taħlita ta' miżuri bħat-tnaqqis tal-attività tas-sajd kummerċjali, ir-restrizzjoni tas-sajd rikreattiv, l-implimentazzjoni ta' miżuri strutturali sabiex l-ixmajjar isiru passabbli, it-titjib tal-ħabitats tal-ixmajjar, u t-trasport ta' sallura tal-fidda minn il-mijiet interni għal il-mijiet li minnhom jistgħu jaħarbu liberament għall-Baħar Sargasso.
2. Fejn il-pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali għas-sallura ma jkunux qed jiksbu il-miri tagħhom stess f'termini ta' mortalità mis-sajd u ħarba tal-bijomassa jew fejn l-Istati Membri ma jipprovdux biżżejjed data biex jikkalkolaw dawn il-miri dwar il-mortalità mis-sajd u l-ħarba, l-Istati Membri kkonċernati ser japplikaw mill-aktar fis possibbli l-miżuri interni tagħhom b'effett ekwivalenti għal dawk miftiehma fir-regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd.
3. L-Istati Membri ser jirrieżaminaw il-prattiki attwali ta' ripopolazzjoni biex jiżguraw li r-ripopolament ffinanzjat pubblikament jikkontribwixxi għaż-żieda tal-livelli ta' ħarba tas-sallura tal-fidda f'konformità mal-oġettivi tar-regolament dwar is-Sallur.
4. L-Istati Membri ser itejbu l-kontroll tas-sajd tas-sallura kif adatt u jżidu aktar l-isforzi tagħhom fir-rigward il-ġlieda kontra s-sajd illegali tas-sallura u l-kummerċ illegali tas-sallura b'mod partikolari tal-frieħ tas-sallura u jtejbju l-konformità mal-projbizzjoni tas-CITES ta' kummerċ extra-Ewropew. Dan jista' jinkludi l-użu ta' għodod tal-IT adatti u eżistenti biex tkun żgurata t-traċċabbiltà tas-sallura fl-istadji kollha ta' ħajjitha u sad-destinazzjoni kummerċjali finali tas-sallura, kemm meta jintużaw għall-konsum uman dirett kif ukoll wara li jitrabbew fl-akkwakultura u meta jintużaw għar-ripopolazzjoni, il-migrazzjoni assistita u għall-finijiet ta' qbid u trasport.
5. L-Istati Membri ser jipprovdu r-rapporti ta' progress previsti skont l-Artikolu 9 tar-Regolament 1100/2007 dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet tal-ġestjoni tagħhom għas-sallura sat-30 ta' Ġunju 2018
6. Barra minn hekk, l-Istati Membri ser jinfurmaw dwar il-miżuri li qegħdin jieħdu biex jirrispettaw l-impenji tagħhom skont il-punti 1-4 sa mhux iktar tard mit-30 ta' Settembru 2018.
7. L-Istati Membri ser, fi ħdan il-limiti tal-istruttura istituzzjonali tagħhom, jagħmlu hilitom biex jipprovdu rapporti ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ġestjoni tagħhom għas-sallura kull tliet snin, sakemm ikun hemm evidenza xjentifika b'saħħitha tas-sinjali ta' rkupru għall-popolazzjoni tas-sallura madwar l-Ewropa.

Is-sallura (DK u SE)

Id-Danimarka u l-Iżvezja jappoġġaw il-kompromess finali dwar ir-Regolament dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd għall-2018, filwaqt li jirrikonoxxu l-bosta elementi pożittivi u l-importanza tal-pakkett sħiħ inkluż l-implimentazzjoni tal-ftehim bejn l-UE u n-Norveġja.

Madankollu, id-Danimarka u l-Iżvezja jinsabu ddispaċuti bl-eżitu b'rabta mas-sallura. Waqt li jagħrfu l-istat ħażin tal-istokk tas-sallura Ewropea u li jinħtieġu azzjonijiet xierqa għall-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tas-sallura, id-Danimarka u l-Iżvezja jqisu l-għeluq temporanju bħala żbilanċjat. L-isforzi li twettqu diġà ma ġewx ikkunsidrati b'mod adattat. Id-Danimarka u l-Iżvezja ma jarawx għalfajn sallura iqsar minn 12-il cm, sallura fil-Mediterran u sajd rikreattiv mhumiex koperti mill-miżuri.

Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet dwar is-sallura jindikaw ħtieġa għal analiżi fid-dettall tad-data dwar is-sallura. Id-Danimarka u l-Iżvezja jinsabu lesti li jaħdmu flimkien mal-Kummissjoni u Stati Membri oħra f'dak ir-rigward.

Napprezzaw l-evalwazzjoni tar-Regolament dwar is-Sallur u r-rieżami tar-rapporti ta' progress tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali tagħhom għas-sallura fl-2018. Barra minn hekk, nenfasizzaw l-impenn tal-UE li tressaq proposta għal pian ta' ġestjoni Mediterranju għas-sallura Ewropea fl-2018. Dawn l-inizjattivi jistgħu – flimkien ma' data aktar affidabbli – jipprovdu bażi mtejba għal kwalunkwe deċiżjonijiet futuri.

Titjib fis-selettività fis-sajd tal-gadojd fil-Baħar Ċeltiku (Il-Grupp tal-Ilmijiet tal-Majjistral tal-Istati Membri tal-Ilmijiet tal-Majjistral (UK, IE, FR, BE, NL u ES))

L-Istati Membri jagħrfu li jenħtieġu aktar titjib fis-selettività fis-sajd tal-gadojd fil-Baħar Ċeltiku sabiex jitnaqqas qbid mhux mixtieq ta' bakkaljaw, merluzz tal-linja sewda u merlangu.

Miżuri bħal dawn, li jistgħu jinkludu żidiet fid-daqs tal-malji tat-tarf, disinji selettivi tax-xbieki tat-tkarkir jew l-użu ta' apparat tas-selettività bħal pannelli b'malja kwadra, ser jiġu żviluppati mill-Istati Membri fil-grupp reġjonali tal-Ilmijiet tal-Majjistral bi sħab mal-Kunsill Konsultattiv. Rakkomandazzjonijiet dwar il-miżuri xierqa li għandhom jittieħdu ser jiġu ppreżentati mill-Grupp tal-Ilmijiet tal-Majjistral lill-Kummissjoni sal-aħħar ta' Mejju 2018.

Titjib fis-selettività fis-sajd tan-*Nephrops* fil-Baħar Irlandiż (UK u IE)

L-Irlanda u r-Renju Unit jagħrfu li jenħtieġu aktar titjib fis-selettività fis-sajd tan-*Nephrops* fil-Baħar Irlandiż sabiex jitnaqqas qbid mhux mixtieq ta' merlangu. Dawn il-miżuri għandhom jibnu fuq il-ħidma sinifikanti li twettqet diġà mill-Irlanda u r-Renju Unit matul l-aħħar snin.

Miżuri b'hal dawn, li jistgħu jinkludu żidiet fid-daqs tal-malji tat-tarf, disinji selettivi tax-xbieki tat-tkarkir jew l-użu ta' tagħmir tas-selettività b'hal pannelli b'malja kwadra u gradilji selettivi, ser jiġu żviluppati mill-Irlanda u r-Renju Unit bi sħab mal-Kunsill Konsultattiv. Fil-qafas tal-Grupp tal-Ilmijiet tal-Majjistral, ir-rakkomandazzjonijiet dwar il-miżuri xierqa li għandhom jittieħdu ser jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni sal-aħħar ta' Mejju 2018 mill-Grupp tal-Ilmijiet tal-Majjistral.

Miżuri ta' konservazzjoni xierqa dwar il-barbun tat-tbajja' fid-diviżjoni 7a tal-ICES (Baħar Irlandiż), il-barbun tat-tbajja' fid-diviżjonijiet 7fg tal-ICES (Baħar Ċeltiku, Kanal ta' Bristol), il-barbun tat-tbajja' fid-diviżjonijiet 7hjk tal-ICES (Baħar Ċeltiku, l-Lbiċ tal-Irlanda), merlangu fid-diviżjoni 7a tal-ICES (Baħar Irlandiż), merlangu 5b u 6 (Il-Kummissjoni u l-Istati Membri)

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jagħrfu l-ħtieġa li jitqiesu l-effetti tal-obbligu ta' hant l-art meta jiġu stabbiliti opportunitajiet tas-sajd għal stokkijiet differenti. Dan jinkludi wkoll sitwazzjonijiet fejn TAC baxx ħafna jew l-ebda TAC jista' jwassal għal għeluq prematur tas-sajd minħabba sitwazzjonijiet ta' kwoti limitanti.

Għal dan il-għan, l-Istati Membri li jaħdmu mal-Kunsill Konsultattiv fi ħdan il-gruppi reġjonali jimpenjaw ruħhom li japplikaw il-miżuri adatti kollha biex jimmitigaw sitwazzjonijiet ta' kwoti limitanti u biex jinkludu miżuri b'hal dawn fi ħdan ir-rakkomandazzjonijiet konġunti tagħhom għal pjanijiet għall-iskartar għall-2019.

F'każijiet fejn, anki wara li jkunu applikati l-miżuri adatti kollha, kwistjonijiet residwi ta' kwoti limitanti jibqgħu tħassib kbir, l-Istati Membri ser jipproponu miżuri ta' konservazzjoni alternattivi biex inaqqsu r-riskju ta' kwoti limitanti. Fejn neċessarju, il-Kummissjoni ser tfitteż parir xjentifiku mill-ICES jew l-STEFCF dwar miżuri xierqa għal daww l-istokkijiet.

Preferenzi tal-Aja (BE, DE, DK, FR u NL)

Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, Franza u n-Netherlands huma tal-fehma li fl-1983 intlaħaq qbil dwar l-iskali għall-allokazzjoni ta' kwoti għall-Istati Membri. Dawn l-iskali jikkostitwixxu l-bażi ta' stabbiltà relattiva, li hija prinċipju stabbilit mir-Regolament Bażiku li jirregola l-Politika Komuni tas-Sajd. Aħna tal-fehma li l-preferenzi tal-Aja jmorru kontra l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva.

Appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) b'rabta mad-dispożizzjonijiet għas-sallura (Il-Kummissjoni u DE)

Meta jiġu adottati l-miżuri ta' emerġenza nazzjonali msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament 1380/2013 fil-kuntest speċifiku tal-implimentazzjoni tal-parir tal-ICES dwar is-sallura Ewropea, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw jużaw waqfien temporanju f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014.

Ġestjoni sostenibbli tal-bakkaljaw tal-Baħar Irlandiż (UK u IE)

B'kunsiderazzjoni taż-żieda għolja ħafna fit-TAC deċiża għall-2018 għall-bakkaljaw tal-Baħar Irlandiż, l-Irlanda u r-Renju Unit jintrabtu li jaqblu f'Diċembru 2018 dwar TAC għal dan l-istokk f'konformità mal-livell MSY għall-2019, abbażi tal-parir tal-ICES, inkluż jekk dan iwassal għal tnaqqis sinifikanti.

L-inċova 9a (ES u PT)

Spanja u l-Portugall jirrikonoxxu li jeħtieġ li l-bażi xjentifika għall-ġestjoni tal-Inċova 9a titjeb b'mod sinifikanti biex tinkiseb valutazzjoni analitika sħiħa tal-istokk. B'mod partikolari, it-twertiq ta' sħarriġ dwar il-bijomassa u l-ġbir ta' data dwar il-kompożizzjoni skont l-età għaż-żoni 9a kollha huma importanti għat-titjib tal-ġarfien dwar l-istokk. Għaldaqstant Spanja u l-Portugall jintrabtu li jiksbu titjib konsiderevoli fil-ġbir u l-valutazzjoni ta' data xjentifika fl-2018 billi:

- Jagħmlu investiment akbar f'termini ta' riżorsi umani u ġarfien espert biex titħaffef ir-riċerka meħtieġa;
- It-twertiq ta' kampanji ta' sħarriġ f'waqthom u komprensivi dwar il-bijomassa fl-2018, inkluż fil-ħarifa.

Il-merluzz tan-Nofsinhar (ES u PT)

Spanja u l-Portugall jimpenjaw ruħhom li jappoġġaw il-miżuri neċessarji kollha meħtieġa biex jinkiseb MSY sa mhux aktar tard mill-2019. Barra minn hekk, Spanja u l-Portugall ser jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jikkontrollaw b'mod effettiv is-sajd tal-merluzz tan-Nofsinhar, bl-għan li jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda ħatt l-art mhux allokat tal-merluzz tan-Nofsinhar fil-ġejjieni.

L-ispnotta Ewropea (Il-Kummissjoni)

Wara l-eżerċizzju tal-punt ta' riferiment tal-ICES fl-2018, il-Kummissjoni ser tikkunsidra jekk hemmx bażi biex jiġu rieżaminati l-miżuri fis-seħħ għall-ispnotta u biex jitħalla xi ħatt l-art ta' spnotta fis-sajd rikreattiv.

Il-flessibbiltà bejn iż-żoni għas-sawrell mid-diviżjoni 8c għas-subżona 9 tal-ICES (Il-Kummissjoni u ES)

Il-Kummissjoni ser tippreżenta talba lill-ICES biex jipprovdi parir xjentifiku dwar jekk żieda minn 5 % sa 15 % fil-flessibbiltà bejn iż-żoni id-diviżjoni 8c għas-subżona 9 tkunx sostenibbli, anki fit-tul, filwaqt li tinnota li l-parir xjentifiku attwali jindika li din il-flessibbiltà tapplika għal żewġ stokkijiet differenti.

Ir-raja ondjata (Il-Kummissjoni)

Fil-bidu tal-2018, il-Kummissjoni ser titlob lill-ICES biex jipprovdi parir xjentifiku aktar bikri dwar l-istokkijiet kollha tar-raja ondjata. Jekk il-parir jippermetti, il-Kummissjoni ser tikkunsidra li tipproponi emenda għat-TAC mill-aktar fis possibbli għas-sena korrispondenti.

Sajd rikreattiv għall-ispnotta Ewropea fin-Tramuntana (4bc, 7a-h) (Il-Kummissjoni, FR, NL u UK)

B'kont meħud tal-importanza tas-sajd rikreattiv għall-ispnotta Ewropea għall-ekonomija tar-reġjuni kostali;

Filwaqt li nagħrfu l-istat kritiku tal-istokk tal-ispnotta Ewropea fiż-żona tat-Tramuntana;

B'kont meħud li l-qabdiet mis-sajd rikreattiv huma stmati li qabżu l-qabdiet mis-sajd professjonali;

B'kunsiderazzjoni tal-limitazzjonijiet tal-istimi tal-mortalità akkawża ta' sajd rikreattiv;

B'kont meħud tal-urġenza li jiġu adottati miżuri xierqa fid-dawl tal-istat tal-bijomassa;

Franza, ir-Renju Unit u n-Netherlands, filwaqt li qablu dwar miżuri ta' ġestjoni drastiċi għall-kategoriji kollha tal-ħidma tas-sajd professjonali, jikkunsidraw li huwa ġustifikat li jinżamm reġim ta' ġestjoni prudenti fir-rigward tas-sajd rikreattiv abbażi ta' qbid u ħelsien matul is-sena.

Fid-dawl tal-eżitu tar-rieżami tal-mudell ta' valutazzjoni tal-ispnotta Ewropea li għandu jiġi ppubblikat mill-ICES f'Marzu 2018, ser tiġi eżaminata l-possibbiltà li jkun permess il-ħatt l-art ta' spnotta Ewropea waħda għal kull persuna kuljum għal perijodu limitat ta' żmien.

Il-pixxispad (IT)

L-Italja għadha ma taqbilx bil-qawwa mal-opportunitajiet tas-sajd iffissati għall-pixxispad tal-Mediterran, kif rifless fl-azzjoni għall-annullament li tressqet fil-kawża C-611/17. Madankollu, fi spirtu kostruttiv, l-Italja mhux ser topponi l-kompromess finali kollu, iżda tirriserva, fi kwalunkwe każ, id-drittijiet tagħha li tisfida d-dispożizzjonijiet dwar il-pixxispad tal-Mediterran.

Proposta għal flessibbiltà bejn iż-żoni għall-pettriċa kbira u l-megrim fiż-żona 7 tal-ICES (ES)

Spanja ma tistax tagħti l-kunsens tagħha għall-flessibbiltà li kieku tippermetti li 25 % tat-TAC għall-pettriċa kbira u l-megrim fiż-żona 7 tal-ICES tinqabad fiż-żoni 8a, 8b, 8d u 8e tal-ICES mill-Istati Membri bi kwota għal daww l-ispeċijiet fiż-żewġ żoni, peress li dan jonqos mill-jissodisfa l-aspettattivi tad-diversi setturi Spanjoli kkonċernati.

Is-sajd tas-snow crab fiż-żona ta' Svalbard fl-2018 (LV)

B'kont meħud li ma kien hemm l-ebda impenn b'saħħtu li ġie pprovdut mill-Kummissjoni Ewropea fir-rigward tal-azzjonijiet immedjati u konkreti biex tkun żgurata l-possibbiltà għall-Istati Membri li jużaw opportunitajiet tas-sajd għas-snow crab għall-2018, l-esperjenza negattiva dwar is-soluzzjoni ta' din il-kwistjoni fl-2017 kif ukoll l-arrest ta' bastiment tas-sajd Latvjan fiż-żona ta' Svalbard meta beda jistad għas-snow crab, il-Latvja tastjeni milli tivvota għar-regolament.

Is-sitwazzjoni attwali fejn id-drittijiet legali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tat-Trattat ta' Pariġi u l-opportunitajiet tas-sajd relatati tas-snow crab mhumiex rispettati u ostakolati b'mod illegali mingħajr azzjoni immedjata u b'saħħitha mill-awtoritajiet rilevanti sabiex tkun rimedjata s-sitwazzjoni, mhijiex aċċettabbli għal-Latvja.

Proċedura bil-miktub konkluża fl-25 ta' Jannar 2018			
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI			
ATT		DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET	
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/132 tas-25 ta' Jannar 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 22, 26.1.2018, p. 34-35		5543/18	
It-3593 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Agrikoltura) li saret fi Brussell fid-29 ta' Jannar 2018			
ATTI LEĠISLATTIVI			
ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
Dazji doganali addizzjonali fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka (kodifikazzjoni) Regolament (UE) 2018/196 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Frar 2018 dwar dazji doganali addizzjonali fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerka ĠU L 44, 16.2.2018, p. 1-8	60/17	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI			
ATT		DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET	
Regolament ta' Ffissar 2017 dwar trab tal-ħalib xkumat Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/147 tad-29 ta' Jannar 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1370/2013 rigward il-limitazzjoni kwantitattiva applikabbli għax-xiri sfurzat ta' trab tal-ħalib xkumat ĠU L 26, 31.1.2018, p. 6-7		15436/17	

Dikjarazzjoni mil-Litwanja

Il-Litwanja tifhem il-kumplessità tas-sitwazzjoni fis-settur tat-trab tal-ħalib xkumat (SMP, skimmed milk powder). Permezz ta' intervent pubbliku kienu akkumulati ħażniet enormi ta' kważi 400 000 tonnelli ta' kwantitajiet żgħira ħafna biss inbiegħu s'issa permezz tal-proċedura tas-sejħa għall-offerti. Dan il-fatt għadu qed ipoġġi pressjoni sostanzjali fuq is-suq. Madankollu, fid-dawl tal-effettività tal-miżura waqt il-kriżi reċenti tal-ħalib din irriżultat bħala miżura ta' salvagwardja importanti ħafna.

L-oġġettiv primarju f'li tinstab soluzzjoni għall-problema fis-settur tat-trab tal-ħalib xkumat (SMP) għandu jkun ir-realizzazzjoni rapida tal-ħażniet akkumulati ta' SMP, aktar mis-sospensjoni tal-miżura ta' salvagwardja. Mill-perspettiva tal-Litwanja, il-limitu massimu futur ta' xiri potenzjali ta' 109 000 t, li huwa stipulat fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013, huwa salvagwardja minima li fl-ebda ċirkostanza ma tista' tiġi mdgħajfa jew abbandunata.

Għaldaqstant, il-Litwanja hija tal-fehma li r-regoli attwali għax-xiri sfurzati għall-SMP għandhom jinżammu. Il-Litwanja tteggieg lill-Kummissjoni biex tikkunsidra kull possibbiltà biex jinbiegħu jew jintużaw il-kwantitajiet ta' SMP akkumulati fil-ħażniet ta' intervent.

Rapport Speċjali Nru 13/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 13/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:
"Sistema Ewropea unika tal-ġestjoni tat-traffiku ferrovarju: l-għażla politika qatt ser issir realtà?"

5584/18

UE-Stati Uniti tal-Amerka - konklużjoni tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa u l-Istati Uniti tal-Amerka, min-naħa l-oħra

13419/16

Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-awdituri esterni tal-BĊE

Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 98/481/KE li tapprova l-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali Ewropew

5015/18

<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - fruntiera esterna tal-Iżlanda</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal-Iżlanda dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntiera esterna	5204/18
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - fruntiera esterna tad-Danimarka</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 dwar l-applikazzjoni mid-Danimarka tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntiera esterna	5206/18
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informazzjoni) għall-Ftehim ŻEE</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/180 tad-29 ta' Jannar 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda tal-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informazzjoni) tal-Ftehim ŻEE ĠU L 33, 7.2.2018, p. 1-4	15390/17
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda tal-Anness XIII (Trasport) għall-Ftehim ŻEE</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/176 tad-29 ta' Jannar 2018 dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE ĠU L 32, 6.2.2018, p. 50-51	15399/17
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/141 tad-29 ta' Jannar 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2011/72/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija ĠU L 25, 30.1.2018, p. 38-39	15813/17
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2018/137 tad-29 ta' Jannar 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 101/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija ĠU L 25, 30.1.2018, p. 1-2	15815/17